II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/277

tas-16 ta' Diċembru 2020

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pollutanti organiċi persistenti fir-rigward tal-pentaklorofenol u l-imluħ u l-esteri tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 jimplimenta l-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Pollutanti Organiċi Persistenti ([2]) u skont il-Protokoll dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja fuq Distanza Twila ([3]).

(2) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, sew jekk weħidhom, sew jekk f'taħlitiet jew f'oġġetti, għandhom ikunu pprojbiti, soġġett għall-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.

(3) Il-pentaklorofenol u l-imlieħ u l-esteri tiegħu huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament dwar (UE) 2019/1021 mingħajr valur tal-limitu ta' Kontaminant fi Traċċi Mhux intenzjonat (UTC).

(4) L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati biex timmodifika entrati eżistenti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku.

(5) Il-Kummissjoni ddeterminat il-preżenza tal-pentaklorofenol u l-imluħ u tal-esteri tiegħu bħala impurità f'ċerti oġġetti, inklużi tessuti importati u laqx tal-injam irkuprat għall-produzzjoni ta' pannelli tal-injam.

(6) Sabiex ikun jista' jitkompla r-riċiklaġġ tal-laqx tal-injam u biex jiġi ffaċilitat l-infurzar, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu tal-UTC ta' 5 mg/kg (0,0005 % skont il-piż) għall-pentaklorofenol u l-imluħ u l-esteri tiegħu.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1021 jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45.
([2]) ĠU L 209, 31.7.2006, p. 3.
([3]) ĠU L 81, 19.3.2004, p. 37.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fil-Part A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, fir-raba' kolonna ("Eżenzjoni speċifika fuq użu intermedju jew speċifikazzjoni oħra") tal-entrata għall-Pentaklorofenol u l-imlieħ u l-esteri tiegħu, jiżdied it-test li ġej:

"Għall-finijiet ta' din l-entrata, il-punt (b) tal-Artikolu 4(1) għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-pentaklorofenol u l-imlieħ u l-esteri tiegħu ekwivalenti għal 5 mg/kg (0,0005 % tal-piż) jew inqas, meta dawn ikunu preżenti fis-sustanzi, fit-taħlitiet jew fl-oġġetti.".